**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 920/2013 AF**

**MAC Properties Limited (C-36025)**

**vs**

**Michael James Bennett (detentur tal-passaport Brittaniku numru 651004828) f'ismu personali u f'isem is-socjetajiet Madliena Village Limited (C-2702) u Madliena International Limited (C-34987)**

Il-Qorti:

Rat it-talba ta' Dr. Peter Fenech ghall-intimati kif verbalizzata fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2017.

Rat li fl-istess seduta din il-Qorti akkordat lis-socjetà rikorrenti gimgha sabiex twiegeb.

Rat ir-risposta ta' MAC Properties Limited.

Rat ir-replika tal-intimati.

Rat l-Art. 199(3) li testwalment jipprovdi illi:

> *"il-każ il-wieħed u l-ieħor, jekk l-attur ikun irid li, fuq l-istess atti, il-kawża tiġi mill-ġdid mqiegħda fuq il-lista, mismugħa u maqtugħa, għandu, b'rikors, li għandu jiġi ppreżentat fiż-żmien ta' għaxart ijiem, jagħmel talba għaldaqshekk. Din it-talba għandha tintlaqa' għal darba waħda biss, u l-qorti għandha tappunta ġurnata għas-smiegħ tal-kawża bi spejjeż tal-attur, b'dan illi l-attur għandujħallas, jew jiddepożita fir-reġistru tal-qorti qabel il-jum stabbilit għas-smiegħ tal-kawża, l-ispejjeż kollha stabbiliti fit-tariffa, u lijoħorġu mill-fatt li l-attur naqas li jidher, jew li l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu naqsu li jidhru, skont il-każ."*

L-Art. 200(1) imbaghad jissokta jipprovdi:

> *"Hekk ukoll il-konvenut, fuq talba tiegħu, jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż, jekk, meta tissejjaħ il-kawża, ma tkunx ingħatat garanzija għall-ispejjeż tagħha skont dan il-Kodiċi, kemm-il darba, fi żmien qasir li l-qorti jidhrilha xieraq li għandha tagħti, ma tiġix imqiegħda f'idejn ir-reġistratur somma ta' flus kontanti, li tkun biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi, wara l-kancellament tal-kawza, l-Qorti fuq talba tar-rikorrenti, regghet poggiet il-kawza fuq il-lista ghas-7 ta' Marzu 2017.

Meta ssejhet il-kawza fis-7 ta' Marzu 2017 irrizulta illi ma kien sar ebda depozitu tal-ispejjez a tenur tal-precitat Art. 199. Inoltre il-Qorti tinnota li dan ghadu ma sarx sa llum stess.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti tehles lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjetà rikorrenti.

IMHALLEF